MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1750/2001/2

**Marcelle Azzopardi**

**vs**

**Malcolm Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Novembru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Marzu 1996 u minn liema zwieg twieldulhom zewg ulied minuri Nikita u Joshua li ghandhom hames snin u tliet snin rispettivament.

Illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta' swat, sevizzi, eccessi, adulterju u ngurji gravi, mohqrija u

nkompatibbilta’ ta’ karattru b’rizultat li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali ta’ bejniethom.

Illi fil-prezent it-tfal huma, temporanjament, fdati fil-kura u fil-kustodja tal-genituri tal-konvenut u l-attrici ghandha kull interess terga’ tiehu lura l-kura u kustodja tal-imsemmija tfal u dan fl-ahjar interess tal-minuri kif ser jirrizulta mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha skond id-digriet 281/2000 tal-25 ta’ Frar 2000 tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili anness u mmarkat dokument “A”.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta’ wliedhom Nikita u Joshua f’idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentari ghaliha u ghal uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b’dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, taqsamhom f’zewg porzjonijiet ugwali bejniethom u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina *occorrendo* ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma *occorrendo* tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-att.

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 40,48 u 51 tal-Kodici Civili** u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fit-23 ta' April 2002 izda ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (per Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri) datat 25 ta' Frar 2000 l-istess minuri gew fdati f'idejn Francis u Josephine Azzopardi b'access ghall-attrici u b'access ghall-konvenut; jekk l-istess nanniet paterni ma jkunux jridu tali responsabbilta' l-Agent Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja kien awtorizzat li jirrikovera l-istess minuri f'istitut tat-tfal b'access ghall-omm fil-*weekend.*

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 2 ta' Novembru 2001 fejn talbet li jinghata provvediment fuq il-kustodja tal-minuri f'idejn il-genituri tal-konvenut fil-*weekends*, u meljorament fl-access tal-istess attrici ghal uliedha a bazi tad-digriet 281/2000 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-20 ta' Novembru 2001.

Rat ir-rapport ta' Anthony Mifsud, *Principal Social Worker* fid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja datat 7 ta' Mejju 1999 u iehor tal-5 ta' Novembru 1999 li jidher li abbazi tieghu sar id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat in-nota tal-Madre Suor Rosalia tas-Sorijiet Ursolini ta' St. Rita Home Tarxien.

Rat id-igriet tal-24 ta' Gunju 2002 fejn b'referenza ghar-rikors tat-2 ta' Novembru 2001 tal-attrici, l-Qorti laqghet it-talba tal-istess attrici sabiex ikollha access ghall-minuri fil-

*weekends* alternattivi, b'dan li f'tali access ghandu jkun hemm is-supervizjoni ta' *social worker* mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet, wara li l-attrici tiftiehem fuq hinijiet mal-Madre tal-istitut fejn qed jinzammu l-minuri. Inghata digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' hamsin (50) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-partijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-22 ta' Lulju 2003 fejn filwaqt li kkonfermat id-digriet tal-24 ta' Gunju 2002 b'dan li l-minuri jinzammu mal-imsemmija sorijiet, bl-access kif indikat u nel frattemp issir medjazzjoni minn Dr. Robert Mangion.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Marzu 2002 u tal-20 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbali tal-11 ta' Gunju 2002 fejn xehdet Madre Suor Rosalina Galea u Marica (Margherita) Degiorgio; u tal-24 ta' Gunju 2002 fejn inghata d-digriet fuq imsemmi.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 17 ta' Lulju 2002 fejn talbet li kkjarat il-fatt li l-access fil-*weekend* alternattiv tal-attrici ghall-minuri jkopri mis-Sibt sal-Hadd, f'liema perjodu l-minuri effettivament jorqdu mal-istess attrici.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 17 ta' Lulju 2002 fejn filwaqt li kkonfermat id-digriet precedenti taghha, laqghet it-talba sabiex il-minuri jorqdu ma' l-attrici.

Rat ir-rikors tal-Agent Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja tal-25 ta' Lulju 2002 fejn talab lill-Qorti tiffissa seduta sabiex tisma' xhieda dwar allegazzjonijiet serji li saru min-nanniet kemm materni u dawk paterni.

Rat ir-risposta ta' l-attrici tat-13 t'Awissu 2002 u dik tal-konvenut tat-12 t'Awissu 2002.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 14 t'Awissu 2002 fejn fl-ewwel lok ordnat lir-rikorrenti jipprezenta affidavit dwar dak li jaf *di persona* fuq l-omm; lill-attrici sabiex tattendi kors ta' *parental skills,* u lill-konvenut sabiex

jindika r-rata ta’ manteniment li qed ihallas ghall-minuri u jiddikjara l-access tieghu ghall-istess minuri.

Rat in-nota tal-konvenut tas-6 ta’ Settembru 2002 fejn filwaqt li nforma lill-Qorti li m’ghandu ebda ntrojtu u anke li qed jattendi programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga gewwa San Blass, iddikjara li m’hu qed ihallas ebda manteniment. Bhala access qabel ma beda l-imsemmi programm kien qed jara lill-minuri fil-*weekend* ghand l-omm, pero’ waqt il-programm hemm hin limitat darba fil-*weekend*.

Rat in-nota tal-Agent Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja datata 10 ta’ Settembru 2002 li biha pprezenta affidavit tal-*Welfare Officer* Mary Grace Genovese in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti tal-14 t’Awissu 2002.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn ordnat li jinstemghu x-xhieda rikjesti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rapport tas-Social Worker Norbert Cilia esebit b’nota datata 30 ta’ Lulju 2002 li kkonkluda li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jkunu ma’ ommhom.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 18 t’Ottubru 2002 fejn talbet sabiex ix-xhieda t’ohtha – soru tal-klawsura – tingabar mill-parlatorju tal-kunvent.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-15 ta’ Novembru 2002, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Imhallef Supplenti sabiex tisma’ l-istess xhieda.

Rat il-verbal tad-29 t’Ottubru 2002 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici ghall-ahhar darba bi tletin (30) gurnata ohra, u ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jiffissa l-ahhar tliet seduti ghall-provi kollha li baqa’.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn talbet sabiex tirrevoka d-digriet taghha tal-21 ta’

Novembru 2002, u minflok tordna li l-istess xhieda jinstemghu minn din l-istess Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Novembru 2002 fejn cahdet it-talba tal-attrici.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 20 ta' Dicembru 2002 fejn talbet li tinghata access sabiex il-minuri jorqdu ghandha bejn l-24 ta' Dicembru 2002 u jum il-Milied bl-istess hinijet ta' access li jkollha fil-*weekends*.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn laqghet it-talba b'dan li l-istess digriet jigi notifikat immedjatament lill-Agenzija Appogg, lis-Social Worker u lill-kontro-parti.

Rat in-nota datata 6 ta' Frar 2003 ta' Dr. Sandra Sladden bhala Imhallef Supplenti, fejn biha pprezentat ix-xhieda ta' Phyllis Borg *sive* Sister Aloisia Borg in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Novembru 2002.

Rat in-nota tal-Agent Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja datata 6 ta' Frar 2003 li biha esebixxa kopja ta' rikors u ta' rapport psikologiku ta' wahda mill-minuri.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 24 ta' Marzu 2003 fejn talbet li tinghata l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-28 t'April 2003, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn f'dan l-istadju cahdet it-talba.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-24 ta' Marzu 2003 fejn talbet li zzomm lit-tfal minuri sat-Tlieta ta' wara l-Elezzjoni Generali minflok sal-Hadd.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 t'April 2003 fejn wara li l-konvenut m'opponiex ghat-talba attrici kontenuta fir-rikors taghha fuq l-access ghall-granet ta' wara l-Elezzjoni Generali, il-Qorti laqghet it-talba b'dan li l-attrici tieghu hsieb sewwa tal-minuri.  Dr. Paul Borg Olivier talab li jeskuti lis-Social Worker tal-Agenzija Appogg.

Rat ir-rapport tas-Social Worker Therese Micallef datat 18 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Mejju 2003 fejn wara li Dr. Martin Fenech irrileva li l-konvenut huwa *“Legal Aid”* il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-24 ta’ Gunju 2002 b’dan li l-partijiet m’ghandhomx ihallsu ghall-istess rapport tas-*social worker*. Il-Qorti laghet it-talba sabiex it-tfal jorqdu ma’ l-attrici fil-jum tal-precett tal-minuri Nikita, u dan anke peress li l-konvenut m’opponiex. B’referenza ghal rikors datat 22 ta’ Mejju 2003, il-Qorti cahdet it-talba attrici sabiex jigi sfilzat ir-rapport psikologiku pprezentat mill-Agent Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja; tat-18 ta’ Gunju 2003 fejn is-Social Worker Therese Micallef ikkonfermat ir-rapport bil-gurament, u anke tat ix-xhieda taghha. Xehdet ukoll l-attrici Marcelle Azzopardi.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 18 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha esebiet kopja tac-certifikat ta’ partecipazzjoni taghha fil-kors ta’ “Inrabbu ‘l Uliedna Ahjar”.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu Carol Falzon u Dr. Denise Borg. Dr. Paul Borg Olivier ghall-attrici nforma lill-Qorti li hlief li jigi konfermat bil-gurament ic-certifikat tat-tabib, ma fadallux provi aktar. Il-Qorti kellmet liz-zewg minorenni *in camera*; u il-verbal tal-10 ta’ Lulju 2003.

Rat in-nota tal-10 ta’ Lulju 2003 ta’ Carol Falzon li permezz taghha esebiet u kkonfermat bil-gurament erba’ (4) rapporti dwar il-*monitoring* tal-ulied minuri li saru minnha ghall-Agenzija Appogg kif rikjest mill-Qorti, liema rapporti saru bejn April 2003 u Gunju 2003.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Lulju 2003 fejn xehdu Sister Rosalia Galea u l-konvenut minn jeddu. L-attrici ddikjarat li m’ghandhiex provi izjed. Il-konvenut iddikjara li hu dizokkupat, li m’ghandu xejn tieghu u li joqghod mal-genituri tieghu. L-attrici ddikjarat li bhala komunjoni tal-akkwisti m’hemm assolutament xejn. Il-Qorti nnominat bhala medjatur lil Dr. Robert Mangion.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Robert Mangion bhala medjatur datat 20 t’Awissu 2003, fejn talab estensjoni tat-terminu ta’ xahar u nofs moghti lilu, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tat-22 t’Awissu 2003.

Rat in-noti ta’ Daniela Zerafa – Service Area Leader fi hdan l-Agenzija Appogg – datati 12 ta’ Settembru 2003 u 15 t’Ottubru 2003.

Rat il-verbali tas-16 t’Ottubru 2003 fejn Dr. Robert Mangion iddikjara li kkonkluda l-inkarigu lilu moghti izda ma ta l-ebda nformazzjoni ulterjuri; tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn xehdu s-Social Workers Carol Falzon, Daniela Zerafa u Therese Micallef; tad-9 ta’ Dicembru 2003; tal-21 ta’ Jannar 2004; u tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn il-partijiet qablu li l-kura u kustodja tkun fdata f’idejn l-omm kif fil-fatt hu fil-prezent, li l-missier ikollu access kull nhar ta’ Sibt mill-10:00 a.m sal-Hadd fl-10:00 a.m. b’dan li l-partijiet jistghu jirregolaw l-access differentement skond l-esigenzi. Il-partijiet iddikjaraw li t-tfal ilhom sa minn qabel Settembru jghixu ma’ l-omm. Dwar manteniment gie dikjarat li bhalissa l-konvenut huwa dizokkupat u jinsab ghaddej bil-programm ta’ rijabilitazzjoni f’San Blas. Gie dikjarat ukoll li bhala proprjeta’ m’hemm xejn x’jigi likwidat u diviz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 t’April 2004.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti l-ohra esebiti.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn sfortunatament il-familja Azzopardi sfaxxat, bil-konvenut jinhakem bil-vizzju tad-droga, u fejn l-omm ghal xi mumenti tidher li tilfet il-kontroll tas-

sitwazzjoni ghal diversi ragunijiet. Il-konsegwenza kienet li z-zewgt minuri Nikita u Joshua li meta saret il-kawza kellhom hames snin u tliet snin rispettivament tpoggew b’ordni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili f’idejn in-nanniet paterni; pero’ jidher li eventwalment l-istess ulied tpoggew f’istitut u hawn bdiet il-battalja legali bejn il-partijiet fejn il-konvenut oppona li l-attrici tiehu kura u kustodja tal-istess minuri, ghalkemm l-istess konvenut ma setghax jiehu kura u kustodja tal-istess huwa peress li kien ghaddej minn programm kontra l-vizzju tad-droga. Intervenew diversi *social workers* kemm mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja, u kemm mill-Agenzija Appogg, kif ukoll is-sorijet li kienu qed jiehdu hsieb l-istess tfal; din il-Qorti sa nkarigat medjatur sabiex l-istess partijiet jaslu f’xi forma ta’ ftehim ghall-interess tal-minuri. L-istess medjatur ttermina l-kompitu tieghu, li kien wiehed gratuit, izda ghalkemm l-partijiet resqu lejn xulxin ghall-interess tal-minuri, ftehim ahhari ma kienx hemm.

Illi din il-Qorti semghet diversi xhieda u anke kellmet lill-istess minuri, izda l-atmosfera ta’ bejn il-partjiet u li dan kollu sar fi process quddiem il-Qorti, bid-difensuri rispettivi, ma tantx ghin sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim ahhari f’qasir zmien. Izda fl-ahhar, wara diversi xhur ta’ prova, kollha mmirati ghall-interess tal-minuri, il-partijiet din id-darba meghjuna mid-difensuri taghhom, waslu fi ftehim dwar il-kura u kustodja tal-istess minuri, u din il-Qorti thossha sodisfatta li fl-ahhar mill-ahhar intlahaq dan il-ftehim li ser jigi effettivament inkorporat f’din is-sentenza. Hasra li fl-interess tal-istess minuri dan il-ftehim ma ntlahaqx qabel, izda almenu llum hemm pjan bejn il-genituri fuq x’hiex wiehed jista’ jahdem, u ghalkemm f’cirkostanzi bhal dawn ma hemm l-ebda dubju li l-genituri ghandhom bzonn l-ghajnuna, ikun aktar ghaqli li din l-ghajnuna tinghata fil-kuntest proprju ta’ l-interess tal-imsemmija minuri, fejn is-sistema guridika ta’ konfrontazzjoni certament ma tantx tghin, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-process ta’ medjazzjoni, ladarba accettat mill-partijiet, jista’ jghin hafna sabiex il-konflitt bejn il-partijiet jigi mminimizzat, bhalma gara f’dan il-kaz, fejn ghalkemm l-intervent tal-medjatur ma wassalx ghall-ftehim ahhari, pero’ bl-invit tal-Qorti, u bis-sens ta’

koperazzjoni li l-partijiet hadu minn tali ntervent, fl-opinjoni ta' din il-Qorti waslu fi ftehim ta' kif kienu ser jirregolaw ruhhom fir-rigward tal-minuri, u dan fih innifsu huwa ta' sodisfazzjon kbir ghal din il-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar rat lill-partijiet jiehdu r-responsabbilta' tas-sitwazzjoni u flimkien waslu ghal dan il-ftehim.

Illi f'dan il-kuntest jigi rilevat li ghalkemm din il-kawza kienet dwar separazzjoni, il-kwistjoni kollha kienet dwar il-kura u l-kustodja tal-istess minuri, *stante* li kif jirrizulta mill-verbali, komunjoni tal-akkwisti ma hemm xejn, manteniment ma jistax jigi degretat *stante* li l-konvenut ma jahdimx, u dwar l-istess kura u kustodja l-partijiet qablu li tkun fdata f'idejn l-omm kif fil-fatt hu fil-prezent, li l-missier ikollu access kull nhar ta' Sibt mill-10:00 a.m sal-Hadd fl-10:00 a.m. b'dan li l-partijiet jistghu jirregolaw l-access differentement skond l-ezigenzi.

Illi dwar il-kawza ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet mix-xhieda tal-attrici jidher li kien il-vizzju tad-droga wahda mir-ragunijiet ghaliex din il-koppja sfaxxat. Kien hemm ukoll nuqqas tal-konvenut li jmantni lil martu u lil uliedu u abbanduna d-dar konjugali fl-14 ta' Jannar 1999 u fl-ahharnett kien hemm car ukoll indhil mill-genituri tal-konvenut, li wkoll kellhom il-kura u kustodja temporanja tal-istess ulied b'digriet *ad hoc* tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, izda jirrizulta li l-istess ulied xorta spiccaw fi stitut tat-tfal, u hawn fil-fatt bdiet il-battalja legali tal-istess omm sabiex tiehu kustodja tal-istess minuri. Fil-fatt fl-mori tal-kawza u bl-intervent ta' din il-Qorti u wkoll fl-ahhar bil-kunsens tal-konvenut, l-istess ulied illum jinsabu fi-kura u kustodja tal-omm, ghalkemm din il-Qorti ser tiehu provvedimenti sabiex l-Agenzija Appogg bis-servizzi fejjieda li tipprovdi, tkompli taghti ghajnuna lill-istess omm u lill-minuri, u f'linja generali lill-koppja fl-interess suprem tal-istess minuri.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz u dwar kura u kustodja tal-

minuri kif miftiehem ukoll bejn il-partijiet b'verbal tal-11 ta' Marzu 2004 b'dan illi-:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut konsistenti f'sevizzi, eccessi u ngurji gravi li kawza tal-istess z-zwieg bejn il-partijiet spicca rremedjabilment.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' wliedhom Nikita u Joshua f'idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri, u dan kif miftiehem bejn il-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2004, b'dan ghalhekk li l-istess minuri jibghu jghixu ma' l-istess omm fir-residenza taghha (fejn issa ilhom minn Settembru 2003) u l-konvenut ikollu access ghall-istess kull nhar ta' Sibt sal-Hadd bejn l-10:00 a.m. tas-Sibt u l-10:00 a.m. tal-Hadd, u l-ulied jittiehdu u jingabru mill-konvenut mir-residenza tal-attrici. Din il-Qorti tinnomina wkoll lill-Agenzija Appogg, sabiex tkompli taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni, fis-sens li tinghata dik l-ghajnuna li hemm bzonn lill-omm fl-interess u fil-kura tal-istess minuri, u l-istess waqt l-access tal-konvenut, u ghal dan l-iskop tordna n-notifika ta' din id-decizjoni a karigu tal-attrici lic-*Chief Executive Officer* tal-Agenzija Appogg, sabiex jipprovdi ghall-istess servizzi taht id-direzzjoni tas-*social worker* Therese Micallef.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentari ghaliha u ghal uliedhom minuri, u dan peress li mill-provi rrizulta li l-konvenut ma jahdimx. Pero' din il-Qorti tiddikjara li kemm l-attrici u kemm il-minuri ghandhom dritt li jigu mantnuti mill-istess konvenut u tirriserva d-dritt favur l-attrici u l-istess minuri li jressqu tali talba ghall-alimenti taghhom minghand il-konvenut hekk kif il-konvenut ikollu xi forma ta' mpjieg jew introjtu, u f'dan is-sens il-Qorti tirreferi ghall-wieghda tal-konvenut li jsib impjieg hekk kif jehles mill-program ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li kien qed jattendi fil-mori tal-kawza.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett mill-14 ta' Jannar 1999 meta l-

konvenut abbanduna d-dar konjugali. Tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni tal-akkwisti *stante* li kif il-partijiet iddikjaraw l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur.

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 tal-Kodici Civili** *in toto* u senjatament li qed tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------